*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,605, 9 ta' April, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 148 tal-2021**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 549. 89.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "27 ta' Jannar 2003" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2021 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.". A.L 151 tal-2021.

**3.** Is-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) it-tifsira "aġenzija lokali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "aġenzija lokali" għandu jkollha l-istess tifsira

Verżjoni Elettronika



bħal "enti tal-Gvern" kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att;";

(b) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

A.L 151 tal-2021.

" "organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku" tfisser organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur kif imfissra fir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2021 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, kif awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti, li l-membri tagħha, bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u s-sħubija tagħhom f'dik l-organizazzjojni, u eżenti minn parti minn dawn ir-regolamenti;"; u

(ċ) fit-tifsira "produttur", il-kliem "inkluż komunikazzjoni minn distanza kif imfissra fir-Regolamenti dwar Bejgħ mill-Bogħod" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif imfisser fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "u wara dan għandu jintbagħat lil skemi konformi mal-iskart ta' tagħmir elettriku jew elettroniku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u wara dan għandu jintbagħat lil organizzazzjonijiet awtorizzati ta' konformità ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku";

(b) il-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) għandu jiġi mqassam proporzjonalment mill-aġenzija lokali, skont il-kategorija bejn organizzazzjonijiet awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE mqiegħed fis-suq minn membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fit-tlett snin preċedenti, kif jista'jiġi determinat mill-awtorità kompetenti.";

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"B'referenza għad-distribuzzjoni tal-WEEE konformement mal-paragrafi (a) u (b), organizzazzjoni

awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandha tiġbor is-sehem tal-WEEE allokat lilha fi żmien sitt xhur min-notifika mill-aġenzija lokali:

Iżda fejn l-organizzazzjoni dwar responsabbiltà tal-produttur tonqos milli tosserva tali data, l-aġenzija lokali tista' tittratta dak il-WEEE bi spejjeż tal-organizzazzjoni dwar responsabbiltà tal-produttur soġġetta għall-approvazzjoni tal-Ministru."; u

(d) minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Produtturi, jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' konformità tal-WEEE li jaġixxu f'isimhom, għandhom jiżguraw il-kontinwità ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-iskart matul is-sena, ukoll jekk jintlaħqu l-miri ta' ġbir stipulati fir-regolament 7(1).".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Prova dwar rkupru, preparazzjoni għal-użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew rimi.

8A. (1) Għal skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ttrattat f'Malta, il-produttur awtokonformi jew l-organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir dwar skart elettriku u elettroniku jkollhom id-dmir li jiksbu dikjarazzjoni ffirmata minn intrapriżi jew stabbilimenti lokali dwar l-immaniġġjar tal-iskart, awtorizzati mill-awtorità kompetenti skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart, li tindika:

S.L. 549. 63.

(a) ir-rata fattwali li ġiet rkuprata, ippreparata għal użu mill-ġdid, riċiklata u, jew mormija; u

(b) li l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ġie rkuprat jew mormi b'mod ambjentalment xieraq.

(2) Għal skart ta' tagħmir elettriku jew elettroniku li jiġi esportat għal trattament addizjonali, il-produttur awtokonformi jew l-organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jkollhom id-dmir li jiksbu dikjarazzjoni ffirmata maħruġa mill-intrapriża jew mill-istabbiliment barrani dwar l-immaniġġjar tal-iskart li jimmaniġġjaw l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku li tindika:

(a) ir-rata fattwali li ġiet rkuprata, ippreparata għal użu mill-ġdid, riċiklata u, jew mormija mill-faċilità fl-Istat Membru jew pajjiż terz; u

(b) li l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ġie rkuprat jew mormi b'mod ambjentalment xieraq.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, jekk produttur awtokonformi jew organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jingaġġjaw is-servizzi ta' intrapriża jew stabbiliment awtorizzati dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jesportaw skart ta' tagħmir elettriku jew elettroniku, allura tali intrapriża jew stabbiliment għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) lill-produttur awtokonformi jew organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

(4) Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ttrattat lokalment jew barra minn Malta għandu jgħodd għall-ksib tal-miri ta' rkupru stabbiliti fir-regolament 11 u fl-Iskeda 5, fil-każ biss fejn il-produtturi awtokonformi jew l-organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jippreżentaw id-dokumentazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1), (2) jew (3) lill-awtorità kompetenti.".

Jemenda r-regolament 13A tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Ir-regolament 13A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subregolamenti (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġid bħala s-subregolamenti (4), (5) u (6) rispettivament;

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "fis-subregolamenti (2) u (4)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolament (2)"; u l-kliem "mill-membri tagħha" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-produttur";

(d) is-subregolament (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) F’każijiet fejn il-produttur jew rappreżentant awtorizzat li jaġixxi bħala produttur awtokonformi jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi skont ir-regolamenti 12(1) u 13(1), l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-garanzija finanzjarja biex tiffinanzja l-operazzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tal-WEEE li ma ġiex miġbur, trattat, irkuprat u mormi b’mod li huwa ambjentalment xieraq minn tali produttur jew rappreżentant awtorizzat."; u

(e) fis-subregolament (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "produttur, rappreżentant awtorizzat jew skema ta’ konformità ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku awtorizzata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "produttur jew rappreżentant awtorizzat"; u l-kliem "fis-subregolamenti (2) u (4)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolament (2)".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**7.** Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart.

15A. Sabiex jikkontribwixxi għall-miri stipulati f’dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista’ jagħmel użu minn strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdi inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew instrumenti u miżuri oħra xierqa.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Fejn produttur jieqaf iqiegħed tagħmir elettriku u elettroniku fis-suq, il-produttur għandu japplika għat-tħassir tar-reġistrazzjoni billi jinforma lill-awtorità kompetenti skont il-proċedura amministrattiva relattiva preskritta mill-Awtorità.";

(b) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (4) għandha tiġi
L.S. 549. 39. magħmula disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta’ Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (11) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(12) Produttur reġistrat ikollu r-responsabbiltà li iżomm għal minimu ta' ħames (5) snin l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (4). Tali *records* għandhom ikunu disponibbli fuq talba lill-awtorità kompetenti.

(13) Produttur awtokonformi għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti dikjarazzjoni ta' konformità fir-rigward tal-obbligi tiegħu ta' ġbir, rkupru u riċiklaġġ skont ir-regolamenti 7 u 11, meta japplika għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tiegħu skont is-subregolament (3).

Id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 16 għandhom jgħoddu fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tkun kontenuta fid-dikjarazzjoni ta' konformità.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

**9.** Ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "ir-regolament 17" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 16"; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "ir-regolament 17" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 16".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

L.S. 549. 63.

"(1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, kull persuna li beħsiebha topera organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, inkluż il-ġbir, is-separazzjoni, il-ħażna, it-trattament, l-esportazzjoni u r-riċiklaġġ ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, f'isem il-produtturi, teħtieġ li tikseb permess validu mill-awtorità kompetenti.";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (6), u l-kliem "din l-informazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull

informazzjoni mhux kunfidenzjali"; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità tal-WEEE tkun meħtieġa, malli jingħatalha permess jew malli jingħatalha tiġdid ta' permess, li tissottometti garanzija bankarja skont l-Iskeda 14 biex tiżgura konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda Organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità tal-WEEE ġdida ma tkunx meħtieġa tissottometti garanzija bankarja matul l-ewwel sena operattiva tagħha.".

**11.** Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej: *Jissostitwixxi r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.*

"Parteċipazzjoni f'organizzazzjoni awtorizzata f'konformità ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

22. (1) Produttur ikun eżentat minn parti minn dawn ir-regolamenti sakemm il-produttur ikun membru ta' organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

(2) Produttur li jagħżel li jipparteċipa f'organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandu, fuq talba tal-awtorità kompetenti, jissottometti kopja tal-ftehim iffirmat mal-operatur tal-organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.".

**12.** Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej: *Jissostitwixxi r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.*

"Operazzjoni ta' organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

23. (1) L-operatur ta' organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, awtorizzat skont ir-regolament 21, għandu:

(a) jintrabat li jwettaq l-attivitajiet miftehmin u f'isem il-produttur skont liġijiet u regolamenti eżistenti, kif ukoll il-kondizzjonijiet kollha fil-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti;

(b) jipprovdi lill-awtorità kompetenti sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena l-informazzjoni rikjesta fir-rigward ta’ tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq minn kull produttur li jipparteċipa fl-organizzazzjoni ta’ responsabbiltà ta’ produtturi, fis-sena ta’ qabel;

(ċ) jipprovdi lill-awtorità kompetenti dikjarazzjoni ta’ konformità sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena fir-rigward tal-obbligi ta’ ġbir, rkupru u riċiklaġġ skont ir-regolamenti 7 u 11. Id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 15 għandhom jgħoddu fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tkun kontenuta fid-dikjarazzjoni ta’ konformità.

(2) L-organizzazzjoni awtorizzata ta’ konformità ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku għandha tissottometti rapport kull sitt (6) xhur lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur wara l-għeluq ta’ dak il-perjodu, waqt li rapport annwali għandu jiġi sottomess lill-awtorità kompetenti fi żmien erba’ (4) xhur mill-għeluq tas-sena.

Ir-rapporti ta’ kull sitt (6) xhur u dawk annwali għandu jkun fihom għall-inqas l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima A u fit-Taqsima B tal-Iskeda 16 flimkien ma’ kull informazzjoni oħra kif speċifikat fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, kopja diġitali tar-rapporti ta’ kull sitt (6) xhur u dawk annwali msemmija fis-subregolament (2) għandha
L.S. 549. 39. tiġi magħmula disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta’ Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent:

Iżda l-informazzjoni li tirrigwarda t-Taqsima A tal-Iskeda 16 biss għandha tkun disponibbli.

Verżjoni Elettronika



(4) Organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jkollha d-dmir li żżomm għal minimu ta' ħames (5) snin l-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2). Tali *records* għandhom ikunu disponibbli fuq talba lill-awtorità kompetenti.".

**13.** Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ta' dawn ir-regolamenti." għandhom jiżdiedu l-kliem "Produtturi awtokonformi għandhom jissottomettu r-rapport tal-verifika meta japplikaw biex iġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom skont ir-regolament 16(3) flimkien mal-informazzjoni msemmija fir-regolament 16(4)."; u

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Fil-każ ta' organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, l-awditur ikun jeħtieġ li jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rappurtata lill-awtorità kompetenti tkun konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti u hi speċifikata fil-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti. L-organizzazzjoni awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandha tissottometti r-rapport verifikat flimkien mar-rapport annwali msemmi fir-regolament 23(2).".

**14.** Il-kliem "regolament 16", kull fejn jidhru fil-paragrafu (1) tat-taqsima A tal-imsemmija Skeda 9 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "regolament 17".

Jemenda l-Iskeda 9 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**15.** Il-kliem "Regolament 12" fis-subintestatura tal-Iskeda 13 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolament 13A(2)".

Jemenda l-Iskeda 13 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**16.** L-Iskeda 14 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

Jissostitwixxi l-Iskeda 14 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA 14

[regolament 21(4)]

Garanzija Bankarja għal organizzazzjoni awtorizzata ta'

konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

Garanzija bankarja favur l-Awtorità għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fi żmien erba' (4) xhur mill-ħruġ tal-permess jew tat-tiġdid tiegħu u għandha tkopri l-operazzjonijiet u l-obbligi tal-organizzazzjoni awtorizzata tal-WEEE kif preskritt f'dawn ir-regolamenti u kull permess mogħti mill-Awtorità favur tali organizzazzjoni awtorizzata tal-WEEE. Il-garanzija bankarja li tkopri xi sena operattiva tista' tiġi rilaxxata biss ladarba l-Awtorità tikkonferma li l-organizzazzjoni f'konformità mal-WEEE tkun osservat u wettqet l-obbligi tagħha għal dik is-sena rispettiva li għaliha qed jintalab ir-rilaxx tal-garanzija bankarja:

Iżda f'każijiet ta' tiġdid tal-permess, l-istess garanzija bankarja tista' tiġi estiża għal sakemm idum imġedded il-permess imġedded u għandha tkun aġġornata skont il-valur sabiex tirrifletti l-kalkolu hawn taħt imsemmi waqt li xorta waħda tibqa' applikabbli għal kull permess li jkun skada li l-Awtorità tkun għadha fil-proċess tal-verifika għall-konformità;

Iżda wkoll waqt il-validità tal-permess, fi żmien erba' (4) xhur mill-bidu ta' kull sena operattiva, id-detentur tal-permess għandu jikkalkula mill-ġdid il-valur tal-garanzija bankarja u jaġġornaha skont kif jista' jkun neċessarju sabiex il-valur tal-garanzija bankarja favur l-Awtorità jirrifletti l-kalkolu t'hawn taħt.

L-ammont tal-garanzija bankarja għandu jiġi kalkolat kif ġej:

$$A*B = \text{Garanzija Bankarija}_{PRO}$$

fejn:

"A" hi l-medja tal-piż fattwali, f'tunnellati, tal-EEE imqiegħed fis-suq kif iddikjarat mill-organizzazzjoni awtorizzata f'konformità mal-WEEE fir-rapporti annwali tagħha sottomessi skont ir-regolament 23(2), li jkopru t-tlett (3) snin operattivi ta' qabel:

Iżda f'dawn il-każijiet fejn l-organizzazzjoni awtorizzata f'konformità mal-WEEE tkun ilha topera għal perjodu ta' tlett (3) snin jew inqas, iżda iktar minn sena waħda (1), "A" għandha tkun il-medja tal-piż fattwali, f'tunnellati, tal-EEE imqiegħed fis-suq matul is-sena/snin preċedenti tagħha operattivi kif iddikjarat mill-organizzazzjoni f'konformità mal-WEEE fir-

rapport/i tagħha sottomessi skont r-regolament 23(2); u

"B" hi ekwivalenti għal rata fissa ta' ħamsa u tletin euro (€35) għal kull tunnellata.".

**17.** Minnufih wara l-Iskeda 14 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu l-Iskedi ġodda li ġejjin: Iżid Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA 15

(regolamenti 16 u 23)

Informazzjoni fid-dikjarazzjoni ta' konformità

Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem u l-indirizz tal-persuna approvata li toħroġ u tiffirma ċ-ċertifikat;
- id-data taċ-ċertifikat;
- il-produttur li dwaru l-persuna approvata qed toħroġ iċ-ċertifikat; u
- ċertifikazzjoni mill-persuna approvata jekk il-produttur rilevanti osservax l-obbligi tiegħu tal-ġbir, rkupru u riċiklaġġ.

SKEDA 16

(regolament 23)

Informazzjoni li għandha tinsab fir-rapport ta' kull sitt xhur u fir-rapport annwali ta' organizzazzjoni awtorizzata f'konformità ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

Taqsima A: Informazzjoni Ambjentali dwar l-operazzjonijiet ta' organizzazzjoni awtorizzata f'konformità ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

- Dikjarazzjoni ta' Konformità mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti;
- Dettalji ġenerali dwar is-sjieda u s-sħubija tagħha;

- Kwantitajiet ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq mill-membri tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi;

- Kwantitajiet ta' WEEE miġbur u rata ta' ġbir annwali miksub mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi;

- Kwantitajiet ta' WEEE ittrattat u kwantitajiet ta' WEEE irkuprat, ippreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat;

- Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi għal kull tunnellata ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq;

- Il-proċedura ta' selezzjoni għal operaturi ta' maniġġjar ta' skart;

- Lista ta' kampanji ta' informazzjoni u għarfien imwettqa mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi.

Taqsima B: Informazzjoni kummerċjali u informazzjoni oħra dwar l-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni awtorizzata f'konformità ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

- Lista ta' produtturi li kienu membri tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi matul il-perjodu ta' rappurtaġġ;

- Informazzjoni dwar il-garanzija finanzjarja li tkopri l-perjodu ta' rappurtaġġ;

- Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ritorn, ġbir u rkupru użati jew stabbiliti mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi, inklużi dettalji dwar il-ġbir ta' WEEE minn djar privati;

- Deskrizzjoni xierqa dwar kif ġiet ikkompilata d-*data*, inkluża kull spjegazzjoni tal-istimi użati;

- Informazzjoni dwar l-intrapriżi u l-istabbilimenti użati matul il-perjodu ta' rappurtaġġ għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' maniġġjar tal-iskart;

- Prova tal-irkupru, il-preparazzjoni għal użu

mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ kif ukoll ir-rimi tiegħu;

- Informazzjoni addizzjonali u dettaljata minbarra l-informazzjoni provduta taħt it-Taqsima A;

- Dettalji dwar kampanji ta' informazzjoni u għarfien imwettqa mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi.".

Jemenda dispożizzjonijiet varji tar-regolamenti prinċipali.

**18.** (1) Fir-regolamenti prinċipali, l-kliem "skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku".

(2) Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "skema", kull fejn tidher, sakemm tali kelma ma tifformax parti mill-frażi "skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku" u "skema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika", għandha tiġi sostitwita bil-kliem "organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi".

(3) Fir-regolamenti prinċipali, il-kliem "skema kollettiva", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi".